MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 4/2015

Go Plc

Vs

Rita Nathan

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf mija u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1124.28) mport ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni u televizjoni. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra' illi l-konvenuta giet notifikata b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenuta qatt ma pprezentat risposta jew dehret biex tikkontesta t-talba.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-30 ta' April 2015 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra' l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenuta naqset milli tikkontesta din it-talba. Fil-fatt hija la prezentat risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deheret quddiem it-Tribunal sabiex tikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenuta saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni, f'indirizz illi r-rapprezentant tal-kumpanija attrici halef li hu l-indirizz tal-konvenuta skond ir-rekords tal-kumpanija tieghu. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'L-Orizzont' u fil-gurnal 'The Times of Malta'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (30.10.2015) it-Tribunal sema' lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spjegat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' opposizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf mija u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1124.28); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------